MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 1228/2011

**Il-Pulizija**

**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Russell Brincat**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Russell Brincat detentur tal-karta tal-identita` numru 474690(M).

Akkuzat talli b'diversi atti, maghmluin fi zminijiet differenti, dawk fi zminijiet qabel it-28 ta' Settembru 2011, kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda u cioe`:

1. Ikkommetta serq ta' pedestall antik tal-injam mill-knisja Maria Annunzjata f'Misrah is-Suq Hal-Tarxien liema serq hu aggravat bil-mezz, lok, hin, persuna u bil-valur li jeccedi 2329.37 Euros ghad-detriment tal-Knisja.
2. Ukolli talli kkommetta serq ta' tmien gandlieri mill-knisja ta' San Duminku fi Triq San Duminku, l-Belt Valletta, liema serq hu aggravat bil-mezz, lok, hin, persuna u bil-valur li ma jeccedix 2329.37 Euros ghad-detriment tal-Knisja.
3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jek dawn sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-fedina tal-imputat li hija netta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali fejn hass illi ghandha tinstab htija taht l-Artikoli:

(a) Artikoli 261 (b)(c)(d)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 268(d), 269 (a)(g), 270, 278 (1)(2)(3), 279 (b), 280 (2), 281 (c) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-Artikoli 261 (b)(c)(d)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 268 (d), 269 (a)(g), 270, 278 (1)(2)(3), 279 (a), 280 (2), 281 (c) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikoli 334 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-Artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda kollha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'serq ta' pedestall antik mill-knisja Marija Annunzjata ta' Hal Tarxien u ta' tmien gandlieri mill-knisja ta' San Duminku tal-Belt Valletta.

**XHIEDA**

Xehed Dario Farrugia fejn hu li kien ra l-"advert" fuq Maltapark tal-pedestall u hu gharfu mill-ewwel ghaliex kellu dettalji partikolari u peress li hu kien midhla tal-knisja ta' Hal Tarxien, hu gharfu mill-ewwel li kien f'wiehed mill-kmamar ta' dik il-knisja u li ma kienx jintuza. Huwa spjega kif biex tmur ghal din il-kamra trid tkun midhla tal-post ghaliex ma tidhirx, pero' din ma kienitx maqfula. Huwa jistima li kien ilu xi sentejn ma jarah il-pedestall ghaliex f'dik il-kamra huwa ftit li xejn kien imur. Illi xhud iehor Paul Mula, filwaqt li kkonferma li l-pedestall in kwistjoni kien tal-knisja ta' Hal Tarxien, kien jistma li kien ilu nieqes xi sentejn jew tlieta.

Illi xehed ukoll **Fr Martin Schembri** li kkonferma illi d-dokument ta' Fra Mamo, zewg kwadri zghar ta' Sant'Anglu u San Andrea Corsini u kwadru iehor li kien instabu fil-pussess tal-imputat, kienu kollha ttiehdu mill-kunvent tal-Karmelitani tal-Belt.

Xehed ukoll **Piju Borg** li huwa "helper" fil-knisja ta' San Duminku l-Belt fejn dan qal illi huwa gharaf il-gandlieri jidhru fir-ritratti a fol 22 tal-process u qal illi dawn kienu jkunu f'kamra vicin il-kampnar tal-knisja u li kienu ilhom ma jigu ntuzati xi ghoxrin (20) sena.

Finalment xehed **Father Edgar Vella** li hu inventarista tad-Djocesi illi a rigward il-gandlieri ta’ l-opinjoni tieghu a rigward il-valur taghhom u ghalkemm din il-Qorti ma tiddubitax mill-abilita’ ta’ din il-persuna, pero’ ser ikollha tiskarta d-depozizzjoni tieghu stante li hi bbazata biss fuq opinjonijiet tieghu u stante li hu ma kienx espert nominat mill-Qorti, ma tistax tkun meqjusa bhala prova kif tirrikjedi l-ligi.

Illi finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **Russell Brincat** illi huwa spjega kif ghandu d-delizju tal-qniepen u fejn hu kien idoqq il-qniepen fil-knisja ta’ Hal Tarxien u kkonferma illi huwa kien ha l-pedestall meta kellu tnax (12) jew tlettax (13) il-sena minn go kamra magenb l-orgni li kienet tintuza bhala “store”. Huwa jghid illi dan il-pedestall kien imkisser u kien mormi go rokna f’din il-kamra u hu ddecieda li jiehdu sabiex jirrestawrah ghaliex dak iz-zmien kien jiffrekwenta skola tas-snajja. Huwa kkonferma li hadu ghall-habta ta’ xi nofsinhar ghaliex dak il-hin kienu jdoqqu l-qniepen.

A rigward l-affarijiet mill-knisja ta’ San Duminku, l-imputat jispjega illi l-gandlieri hadhom xi tlieta (3) jew erba’ (4) snin qabel ukoll minn “store” li kien hemm f’din il-knisja fejn huwa kien idoqq il-qniepen. Illi huwa jghid illi dawn il-gandlieri kienu wkoll fi stat hazin hafna u li hadhom biex jirrestawrhom. Huwa xehed illi dawn hadhom fl-istess hinijiet pressapoko li kien ha l-affarijiet minn Hal Tarxien.

**KONSTATAZZJONIJIET**

Illi m'hemmx dubju, u dan fuq ammissjoni tal-istess imputat, illi huwa kien dik il-persuna li seraq l-oggetti mill-knisja ta' Hal Tarxien u minn dik ta' San Duminku. Illi huwa cert ukoll illi ghalkemm dawn l-oggetti setghu kienu b'xi mod abbandunati go kamra u li kienu ilhom ma jigu ntuzati, xorta wahda ma kienx jaghti d-dritt lill-imputat sabiex jehodhom u f'sitwazzjoni normali dan kien jigi meqjus bhala serq. L-affarijiet l-ohra mill-kunvent tal-Karmelitani l-anqas biss huma msemmija fl-akkuzi u l-anqas qatt ma ntalbet li ssir korrezzjoni fl-akkuzi sabiex ikunu jistghu jirriflettu s-serq ta' dawn l-oggetti.

Illi pero`, hekk kif tratta l-avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu li giet traskritta u li tinstab fl-atti ta' dawn il-proceduri, ma gewx ippruvati l-aggravji kkontemplati mal-akkuzi ta' serq. Dan ghaliex kif qal ben tajjeb l-avukat difensur, l-aggravju tal-valur ma giex ippruvat u dan stante l-fatt li l-uniku xhieda li forsi kienet taghti xi hjiel tal-valur tal-oggetti u cioe' ta' Fr Edgar Vella hija skartata peress illi x-xhieda tieghu kienet ghal kollox ibbazata fuq opinjoni tieghu li xi haga bhal din hija meqjusa prova inammissibbli.

Illi a rigward l-aggravju tal-persuna, m'hemmx dubju li meta sar ir-reat l-imputat kien minorenni taht is-sittax-il (16) sena u allura qatt ma seta' jkun impjegat ma hadd. A rigward l-aggravju tal-mezz, hareg car mix-xhieda prodotti u mill-istess imputat, illi ma kienx hemm l-ebda ksur fil-kmamar ghaliex dawn kienu maghluqa b'mod normali u mhux imsakkra.

Illi finalment, in kwantu ghall-aggravju tal-lok, il-Qorti taqbel ukoll ma dak li qal l-avukat difensur illi il-kmamar minn fejn ittiehdu dawn l-oggetti ma ghandhomx jinkwadraw fid-definizzjoni ta' knisja ghall-finijiet tar-reat ta' serq. Li kieku ttiehdu mis-sagristija per ezempju kienet tkun kwistjoni differenti.

Illi ghalhekk, jekk din il-Qorti qed tiskarta l-aggravji kollha, ir-reati kkontemplati fl-akkuza huma t-tnejn ta' serq semplici li l-preskrizzjoni taghhom hi ta' sentejn (2).

Illi mix-xhieda prodotta kif ukoll minn dik tal-imputat Russell Brincat, dawn l-oggetti ttiehdu meta kellu circa tlettax (13) u sittax-il (16) sena rispettivament. Allura jidher illi fid-data tal-akkuza l-imputat kellu wiehed u ghoxrin sena (21), dan ir-reat sar tmien (8) snin qabel u ghalhekk huwa car u ovvju illi l-akkuzi kif dedotti huma preskritti hekk kif intqal.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti mhux qed issib htija fuq l-imputat **Russell Brincat** tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------